*- ASSIGURAZZJONI –*

*- KONTUMACJA – OPPOSIZZJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 41**
**Citazzjoni Numru: 817/2000/RCP**

**Xuereb Installations Limited**

**vs**

**Fogg Insurance Agencies Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta` estera Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Limited.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta attrici hija l-proprietarja tat-trukk tal-marka Mazda, bin-numru ta' registrazzjoni XIL 004, liema, trukk kien assikurat mas-socjeta konvenuta.

Illi l-istess trukk insteraq bejn il-31 ta` Ottubru 1998 u t-2 ta' Novembru 1998 u dan baqa' ma nstabx.

Illi mill-indagini li ghamlet is-socjeta attrici rrizulta illi l-valur tat-trukk fuq is-suq, qabel ma sehh I-incident, kien ta' bejn Lm1,800 u Lm2,500.

Illi nonostante li kien hemm diversa korrispondenza bejn il-partijiet, is-socjeta konvenuta naqset illi thallas lis-socjeta attrici id-danni minnha sofferti, ossia l-valur tal-istess trukk.

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex:

[1] tiddikkjara li s-socjeta konvenuta hija responsabbli li tirrisarcixxi lis-socjeta attrici ghad-danni li sofriet,

[2] tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi u

[3] tikkundannhom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma hekk likwidata - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mit-2 ta` Novembru 1998 u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ Lm10 ghall-konsult u dawk ta' tlett ittri legali tat-30 ta' Dicembru 1999, tal-10 ta` Jannar 2000 u tas-26 ta' Jannar 2000 kontra s-socjeta konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 tal-process;

Rat li ghalkemm notifikata fit-23 ta’ Mejju 2000 (tergo fol 6) is-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Gunju 2000, tas-26 t’Ottubru 2000 fejn xehdu Ivan Scerri u Martin Caruana u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha ghall-14 ta’ Dicembru 2000.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Dicembru 2000 u tal-15 ta’ Jannar 2001 fejn xehed PS 160 Mario Mifsud u Dr Depasquale talab differiment biex jikkonkludi l-provi. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici u ghall-provi kollha li fadal ghall-14 ta’ Frar 2001.

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 2001 fejn xehdu Ivan Xerri u Stephen Cachia u Dr Depasquale ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-Qorti tat il-fakolta` lis-socjeta` konvenuta li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet f'20 jum u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta` attrici tas-7 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi s-socjeta` attrici qed taghmel din l-azzjoni stante li qed tallega li t-*truck* tal-marka Mazda Reg No XIL 004 proprejta` taghha assigurat mas-socjeta` konvenuta kien insteraq bejn id-dati tal-31 t'Ottubru 1998 u t-2 ta' Novembru 1998 liema *truck* kellu l-valur ta' bejn Lm1800 u Lm2500 u liema *truck* baqa' ma nstabx u s-socjeta` konvenuta naqset li thallas lis-socjeta` attrici l-valur ta' l-istess *truck* hekk assigurat u ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li in forza tal-polza tithallas il-valur ta' l-istess.

Illi min-naha taghha s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata fit-23 ta' Mejju 2000 la pprezentat

eccezzjonijiet u lanqas qatt dehret fil-kawza u ghalhekk baqghet kontumaci.

Illi stante li l-istut tal-kontumacja ma jirraprezentax ammissjoni izda opposizzjoni ghat-talbiet attrici huwa l-oneru tas-socjeta` attrici li tipprova l-allegazzjonijiet taghha. Illi ineffetti fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan is-socjeta` attrici rnexxiela taghmlu bil-provi minnha prodotti li *di piu`* lanqas huma kontestati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta fl-ewwel lok mix-xhieda ta' **Martin Caruana** tas-26 t'Ottubru 2000 illi huwa kien impjegat mas-socjeta` Arva Insurance Agency Limited li dak iz-zmien kienet l-agent lokali tas-socjeta` estera attrici Norwich Union Fire Insurance Society (Gibraltar) Limited, li kienet assigurat il-vettura in kwistjoni tas-socjeta` attrici ghall-ammont ta' Lm2000.

Illi sussegwentement is-socjeta` Fogg Insurance Agency Limited bdiet tirrappresenta lis-socjeta` estera bhala agent lokali f'Malta u li s-socjeta` attrici dejjem ghamlet *renewal* ta' l-istess polza abbazi tal-valur fuq indikat u accettat mis-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk minn dan jirrizulta li l-istess vettura kienet debitament assigurata u li *di piu`* il-valur ta' l-istess karozza qabel l-avveniment imsemmi fic-citazzjoni kien ta' Lm2000. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** rappresentant tas-socjeta` attrici.

Illi rrizulta wkoll mix-xhieda ta' **PS 160 Mario Mifsud** tal-15 ta' Jannar 2001 li fit-2 ta' Novembru 1998 sar rapport minn Ivan Scerri impjegat tas-socjeta` attrici, illi t-*truck* in kwistjoni kien gie misruq minn Hal-Qormi wara li kien lahaq rah l-ahhar darba fil-31 t'Ottubru 1998 ghat-3.30pm.

Illi l-istess **Ivan Scerri** xehed li huwa jahdem bhala *delivery man* mas-socjeta` attrici u l-istess vettura kienet gratilha hsara fil-magna u ttiehed ghat-tiswija izda peress li ma kienx hemm *parts* biex jigi rrangat haduh lura minghand Gasan lejn il-fabbrika tas-socjeta` attrici u pparkjawh hemm bil-magna tieghu maqluha u bis-*seats* tieghu fuq in-naha ta' wara tal-vann. Illi wara rrizulta li l-istess vettura nsterqet u biex sar dan necessarjament l-istess karozza kellha tigi rmunkata ghax ma kelliex magna.

Illi l-istess Ivan Scerri xehed li huwa xorta kien sakkar l-istess vann, u din il-Qorti hija ta' l-opinjoni li ineffetti l-vann kien imsakkar nonostante x-xhieda kontrarja tal-istess Surgent, u fi kwalunkwe kaz jigi nnutat li peress li l-istess vann kien minghajr magna dan ma setax jinstaq u anke kieku msakkar l-unika mod li tali vann seta' jigi rimoss minn postu kien biss permezz ta' rmunkar kif fil-fatt gara fil-kaz *de quo*, minhabba li ma setax jinsaq minghajr magna.

Illi fi kwalunkw kaz il-Qorti thoss li anke dwar il-punt jekk il-vann kienx imsakkar jew le il-versjoni ta' Ivan Scerri, li x-xhieda tieghu din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma', hija

aktar verosimili u mill-provi prodotti thoss li din il-versjoni hija aktar kredibbli.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess vettura proprjeta` tas-socjeta` attrici u tal-valur ta' Lm2000 debitament assigurata mas-socjeta` konvenuta giet effettivament misruqa bejn il-perjodu ndikat fic-citazzjoni attrici u baqghet ma nstabietx sallum u ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija obligata *ai termini* tal-polza ta' assigurazzjoni sabiex thallas lis-socjeta` attrici l-valur ta' l-istess karozza fuq indikat.

Illi ghalhekk abbazi tal-provi prodotti u fuq elenkati it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha b'dan li l-valur ta' l-istess vettura qed jigi stabbilit fl-ammont ta' Lm2000 u dan anke minhabba l-fatt li s-socjeta` konvenuta bl-ebda mod ma kkontestat il-provi attrici u mhux biss baqghet kontumaci izda wkoll naqset li tipprezenta ghalmenu nota ta' osservazzjonijiet fit-teminu ndikat bid-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Frar 2001.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli li tirrisarcixxi lis-socjeta` attrici d-danni sofferti minnha.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) rappresentanti l-valur u l-*market value* tat-*truck* tal-marka Mazda Reg No XIL-004 li gie misruq bejn il-31 t'Ottubru 1998 u t-2 ta' Novembru 1998, u baqa' ma nstabx.

3. Tikkundanna l-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-istess somma hekk likwidata ta' elfejn lira Maltija (Lm2000).

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lis-socjeta` konvenuta fit-23 ta' Mejju 2000 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez tat-tlett ittri legali datati 30 ta' Dicembru 1999, 10 u 26 ta' Jannar 2000 kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2001.**